# Intervista lis-Sur Kenneth Caruana awtur tal-ktieb 'Qtil fis-Skiet'

**M. Minn fejn int u fejn kont tmur skola?**

T. Jien twelidt fl-1979, tgħammidt fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u ommi u missieri huma t-tnejn Żabbarin. Sakemm iżżewwiġt kont noqgħod mal-ġenituri ż-Żejtun u allura tfuliti nista' ngħid li qattgħajtha hemmhekk. Ħalliha li kemm fil-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja u anki fi ġranet oħrajn, ġieli rqadt għand in-nanniet u z-zijiet. Sinċerament inħossni iktar Żabbari fejn il-familjari inklużi z-zijiet u l-kuġini huma Żabbarin u jien issa qiegħed noqgħod hawn ukoll. Il-mara li hi Żejtunija mqaxxra, ma taqbilx miegħi!

Meta kont żgħir kont nattendi l-iskola tal-Gvern biex imbagħad mill-ħames sena, 'l hemm, bdejt immur l-iskola ta' Santu Wistin il-Pietà. Wara kont il-*Higher* sakemm bdejt naħdem. Illum naħdem skrivan ma' kumpanija privata u fl-istess ħin qiegħed nagħmel Diploma għal librar, l-Università.

**M. X'ħajrek tibda tikteb?**

T. Jien bħal ommi, inħobb naqra ħafna u dan żgur kien fattur importanti li għeni fil-kitba. Però minn meta kont żgħir, kont inħobb nikteb noti biex niftakar kif ukoll xi ħsibijiet li jiġuni. U kien proprju wieħed minn dawn il-ħsibijiet li xegħlu l-bozza għal kotba. Ma kontx ilni ħafna għarus mal-mara tiegħi, fejn darba kellna xi ngħidu u x'ħin mort id-dar, rasi kienet se tinqasam. Qbadt nikteb fuqxiex kellna xi ngħidu u x'naħseb li kienet l-aħjar soluzzjoni. L-għada x'ħin qed ngħidilha, stagħġbet li jien kont nikteb kollox u talbitni biex niktbilha storja. Għall-bidu qisni ma tajtx kas, imma x'ħin sibt ruħi waħdi, ktibtilha storja qasira. Meta wrejtilha, spontanjament ħarġitilha: "Inti jmissek tikteb rumanz!!!" Minn hemm ma ħaristx lura u maż-żmien ħareġ l-ewwel ktieb.

**M. Kemm il-ktieb ħriġt?**

T. Fl-2006, jiġifieri meta kelli sebgħa u għoxrin sena, ġie ppubblikat l-ewwel rumanz jismu *Qtil fis-Skiet*. It-tieni rumanz għandu joħroġ fi ftit ġimgħat hekk kif hu lest u bħalissa qed niddiskuti mal-pubblikatur dwaru. Dan il-ktieb se jkun jismu *Kuntatt fatali*.

## Qtil fis-Skiet – rumanz ta' Kenneth Caruana




Meta xi hadd ihoss il-gibda biex jikteb ma jkunx ċert jekk hux maqtugh ghall-kitba jew le. Jaghraf izda l-ahjar mezz li ghandu juża biex iwassal il-hsibijiet tieghu lill-qarrejja. Din tkun l-aqwa ghazla ghaliex f'dan l-esperiment jintebah jekk ikunx komdu u kompatibbli ma' l-ispirazzjoni tieghu. Aktarx li r-rakkont jew kif nafuh ahjar ir-rumanz, jinstab li hu l-ahjar mezz biex kittieb jinseg hsibijietu fi stil mexxej u kurjuż, u hekk tkun kitba mixtieqa mill-qarrejja.

Il-ktieb Qtil fis-Skiet huwa rumanz ta' Kenneth Caruana mahruġ din is-sena, u dan hu l-ewwel xoghol tieghu li qed nipprezentaw f'din il-pagna. Caruana jidher li huwa kittieb promettenti li bl-esperiment ta' dan ir-rumanz ghandu ċ-ċans isib aktar lilu nnifsu. L-istil tal-kitba, it-trattazzjoni ta' l-istorja, id-djalogar u d-deskrizzjonijiet huma friski u ghalkemm mehuda mill-angolu ta' żaghżugh xorta wahda jinżel tajjeb minn persuni ta' kull età.

Ir-rumanz jista' jitqies bhala wiehed esperamentali fejn Caruana jlaqqa' lill-qarrejja ma' bosta trufijiet u grajjiet, li aktar ma jinseg ir-rumanz aktar jipprova jghaqqadhom biex iwasslu lejn il-mira jew it-tema ewlenija tal-kitba tieghu. Hu jemmen fid-destin tal-bniedem jew ahjar dak li hemm miktub ghal kull holqien sa mit-twelid tieghu. Naturalment, qajl qajl l-awtur jibda jinseg il-karattri, jaghtihom il-forma u d-destin taghhom fil-hajja mifruxa quddiemhom, u wara jara kif se jressaqhom lejn xulxin. Jibda jpoġġi lil dak ma' dik u lill-ohra ma' l-iehor.

Minn hawn Caruana jwassalna lejn il-protagonisti ta' l-istorja. Iż-żewġ żghażagh Karen u Stefan jinġibdu lejn xulxin. Bdew jibnu relazzjoni ghaliex it-tnejn hassewhom komdi flimkien. Iżda biswithom kien hemm l-hemm tad-dinja, il-gwaj tal-hajja u ghalhekk bhal f'kull hajja ohra, hajjithom ma setghetx tkun biss ward u żahar. B'hekk l-awtur jara kif u fejn se jaghti l-maghmudija tad-demm lil Karen u Stefan – li quddiem id-diffikultajiet naturali u dawk mahluqa minn bnedmin ohrajn, bdew jaraw il-maltemp, in-niket, it-tensjoni u kull diffikulta ohra.

Iżda l-qarrej fil-mixja ta' din il-ġrajja mqassma fuq tletin kapitlu jibda qajl qajl jersaq lejn min kien il-kawża ta' l-hemm, min kien qed jaghmel il-hsara, min wasal biex ghamel delitt u x'kienet il-kawża ta' l-intriċċi familjari li wasslu ghal tant mibeghda, piki u vendetta.

L-awtur jirnexxilu jorbot grajjiet preżenti ma' dawk li ġraw snin qabel. B'hekk il-kobba tissokta titharbat u tithabbel. Bil-mod, Caruana jressaq l-intriċċi u l-inċidenti lejn xulxin sabiex jasal lejn gheluq. Dan ir-rumanz trid taqrah. Ladarba tibdieh m'intix se titilqu minn idejk ghaliex ir-rakkont huwa miktub b'mod li jqanqallek il-kurżità biex tara x'se jiġri minn hawn u ftit iehor.

*It-Torċa Il-Ħadd 3 ta' Settembru 2006 p. 17*

## Qtil Fis-Skiet

*Rumanz ta' l-awtur żagħżugħ Kenneth Caruana*




Hemm min jemmen li d-destin tal-bniedem ikun miktub minn qabel ma jitwieled. Hemm min jaħseb li għal kull persuna fid-dinja hemm is-sieħba jew sieħeb ideali. Iżda xi drabi t-triq tal-kuntentizza li nkunu mexjin fiha, taf tkun waħda dejqa u mimlija ħofor.

Hekk ġara lil Stefan u Karen, żewġ żgħażagħ fil-fjur ta' ħajjithom li ltaqgħu u komplew bir-relazzjoni tagħhom. Għalkemm kienu qed jibnu din ir-relazzjoni fuq is-sod, terremoti ħfief kienu jinħassu jheżżu l-pedamenti. Quddiemhom kien hemm min ma ħamilx jarahom daqshekk magħqudin u kienu lesti jagħmlu minn kollox biex iħassrulhom il-pjani.

F'dan il-ktieb ma jonqsux l-emozzjonijiet ta' passaġġ tal-ħajja ta' din il-koppja. Jirnexxielhom jegħlbu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom?

Din hi storja msawra għall-gosti ta' kulħadd. Minn mindu taqbad dan il-ktieb b'idejk ma tkunx tista' titilqu qabel tasal fl-aħħar. Kapitlu wara ieħor tibda tinħall din il-kobba mħabbla ta' intriċċi bejn il-familji, rivalità, vendetti, qtil u investigazzjonijiet.

L-awtur, Kenneth Caruana, minn dejjem kellu għal qalbu l-kitba bil-Malti. Hu jsib mezz kif joħloq spazju għalih waħdu u jintilef f'espressjoni tal-kitba li jwaħħdu s-sensazzjonijiet personali mal-fantasija.

Issa wara li l-awtur għadda mill-esperjenza li mexxielu jippubblika l-ewwel ktieb u wara r-rispons tajjeb li qed ikollu, għandu l-ħsieb li jibda jaħdem fuq it-tieni xogħol tiegħu.

*Qtil fis-Skiet* issibuh mill-ħwienet tal-kotba u *stationeries* ewlenin madwar Malta u Għawdex.

*Il-Mument Il-Ħadd 13 ta' Awwissu 2006 p25*

**M. Kif jiġuk f'moħħok l-ideat u x'inhu l-proċess biex ktieb jiġi ppubblikat?**

T. Il-qari hu ċ-ċavetta biex wieħed ikabbar l-informazzjoni li jkun diġà jaf. L-ideat tista' ġġibhom ukoll mill-films, li wħud minnhom jgħallmuk, u anki mill-esperjenzi li tgħaddi minnhom inti stess u dawk ta' madwarek. Però biex tkun kittieb, irid ikollok sens kbir li tinnota. L-inqas dettalji li jidhru m'huma xejn għal kulħadd, għall-kittieb jaf ikunu importanti.

L-ideat prinċipali ta' fuqxiex se tinbena l-istorja ndum ħafna naħdem fuqhom. Fil-kas tal-ewwel żewġ kotba kont f'kuntatt ma' surġent u professura tal-awtopsja, minħabba l-punti tekniċi li kienu jinsabu fl-istorja. Dawn l-ideat imbagħad jibdew jieħdu sura f'kapitli sakemm il-ktieb finalment ikun lest. Wieħed tajjeb isemmi, li iktar ma jkollok l-ideat bażiċi ċari, ix-xogħol ta' wara jkun eħfef u aħjar. Fl-aħħar naħseb fuq it-titlu u dwar il-qoxra tal-ktieb. Qabel nieħdu għand il-pubblikatur nerġa' niċċekjah għal iktar minn darba minħabba l-ortografija, l-lingwaġġ u anki xi ideat. Tiskanta dejjem issib x'tirranġa u xi tbiddel!

**M. Kif intlaqa' l-ewwel rumanz? Kemm jinbigħu rumanzi f'suq limitat?**

T. Intlaqa' tajjeb ħafna. Qlajt ħafna kummenti pożittivi u anki kuraġġ mingħand l-istess qarrejja. L-istil ta' kif inhu l-ktieb hu differenti minn kif imdorrijin naraw u kien għalhekk li mar daqstant tajjeb. Sfortunatament kotba bil-Malti għaż-żgħażagħ u għall-adulti ftit wisq jiġu ppubblikati u għadna wisq marbutin mal-affarijiet tradizzjonali. Il-qarrej Malti, li għandu aċċess għal kotba b'lingwi oħra, qed jistenna materjal b'ideat differenti.

Dwar bejgħ, l-ewwel ktieb, inbiegħu aktar minn elf kopja u għadu għaddej ġmielu. Ma nafx kemm hi n-norma li jinbiegħu u kif staqsejt tajjeb int, is-suq hu limitat. Hawn Malta, bħal kull pajjiż ieħor, għandek nies li l-qari ma jinteressahomx u kif għedt qabel, hawn min jippreferi jaqra b'lingwi oħra, speċjalment bl-Ingliż.

**M. Irrakkuntali fuqiex jittratta r-rumanz.**

T. L-istorja tibda b'koppja żagħżugħa li qegħdin jippruvaw jibnu relazzjoni soda bejniethom. Imma quddiemhom isibu ħafna ostakli, anki minn membri familjari. Il-ktieb jieħu żvolta meta jseħħ qtil bla preċedent. Il-pulizija għandha biċċa xogħol iebsa, issib min wettaq dan il-qtil, mottiv jidher li m'hemmx u n-nuqqas ta' provi komplew jagħmlu l-investigazzjoni diffiċli...

**M. X'inhuma l-pjanijiet għall-futur?**

T. Bħalissa qiegħed nikkonċentra fuq it-tieni rumanz li ħiereġ dalwaqt. Ideat għat-tielet rumanz għandi xi ħaġa diġà imma bejn l-istudju, ix-xogħol u l-familja, se ndum biex nibda naħdem sew fuqu. B'hekk, biex din is-sena li ġejja ma

naqtax mill-kitba u fl-istess ħin inħeġġeġ iktar nies jiktbu, ftehemt m'oħt il-mara li flimkien niktbu ktieb tat-tfal. Nittamaw li joħroġ is-sena d-dieħla.

**M. X'messaġġ tibgħat lil dawk li jixtiequ jiktbu u jaraw xogħolhom ippubblikat?**

T. Taqtgħux qalbkom. Għall-bidu kollox ġdid u diffiċli imma bħalma ssib nies li jagħmlulek il-bsaten fir-roti u jaqtħulek qalbek, se ssib ħafna oħrajn li jgħinuk u jagħmlulek kuraġġ. Ħaġa oħra, qatt tikkuntentaw bil-'mhux ħażin' imma bl-'aqwa.'

***Malcolm Schembri***


**'Qtil fis-Skiet', a novel by Kenneth Caruana. P.E.G., 2006. 128 p.**

There is no easy path to happiness in any relationship, even more so if there are characters hindering this relationship. This is what happened to Stefan and Karen, the main protagonists of this story. This is a story packed with emotions. It develops from a romantic plot to a more exciting and mysterious circumstance. Even those persons who prefer reading in English should enjoy this book. Whatever your reading preferences, you will find this story to your liking as it is filled with elements of romance, rivalry, vengeance, murder and investigations. Once you start reading *Qtil fis-Skiet*, it will captivate you and you will be unable to put it down. Chapter by chapter you will start discovering new elements in Kenneth Caruana's plot.

Even though this is his first published work, the author, has always been keen on writing. In his descriptions, Kenneth finds his little corner of personal space. He combines his feelings with fiction to create a flowing plot that gives the readers the right blend of emotions. Now, after overcoming the hurdle of publishing his work, along with the very good response he is receiving, Kenneth intends to start working on his next book.



Kenneth Caruana

*Sunday Malta Independent 27 th August 2006 p.4*

